**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

# Seduta numru 3 tas-7 Leġislatura
# Illum l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2013

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2013 għas-Seduta numru 3 fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Għeluq tal-proġett CYPFIRE
5. Attivitajiet għas-sajf
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 Is-Sindku tkellem dwar il-kwistjoni tal-permessi tal-gabanni tal-festa. Informa li wara żewġ laqgħat li saru mas-sidien tal-permessi, kif ukoll mar-representant legali tagħhom u l-avukat tal-Kunsill, kif ukoll il-pariri legali ta' dan ta' l-aħħar, il-Kunsill iddiskuta il-kwistjoni u wara risoluzzjoni maqbul b' mod unanimu pie deċiż li d-deċiżjoni tiġi sospiża sakemm jittieħdu aktar pariri legali dwar l-Att Legali ta' l-2001 Dwar Liċenzji tal-Kummerċ (Att XXVII – Kap 363).

Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Invit lill-Kunsill biex jattendi għad-dedikazzjoni tal-Knisja ta' Sant' Anna fiż-Żebbiegħ nhar it-22 ta' Settembru 2013.

2.4 Korrispondenza dwar il-proġett Europe fro Citizens- Town Twinning. Eman Vella ser jieħu ħsieb jara x' jista' jkun l-involviment tal-Kunsill f' dan il-proġett.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li kien sar xogħol ta' infurzar fuq il-moll tal-Ġnejna biex ikun jista' jsir użu minnu aħjar mis-sajjieda u is-sidien tad-dgħajjes.

3.2 Is-Sindku semma' li wara r-rapport tal-MCAAA dwar l-istat tal-playing-fields fil-lokalita', kelli żjara fuq il-post flimkien mal-koordinatur tar-rapport u is-Segretarju Eżekkutiv. Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-irranġar u manutenzjoni ta' dawn il-postijiet.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara korrisppondenza mal-MEUSAC, kien ġie mifthiem li ssir laqgħa mill-Kunsill fl-uffiċċju tal-MEUSAC fil-Belt Valletta sabiex jiġu diskussi proġetti u għajnuniet li din l-organizazzjoni tista' toffri lill-Kunsill. Din iż-żjara ser issir fl-10 ta' Ġunju fid-9:30 ta' fil-għodu.

3.4 Fuq dan il-punt ukoll Eman Vella semma' li dwar il-proġett ta' Darrenzi, il-Majjistral Action Group informa li ma jistawx jistennew aktar il-bidu tal-proġett li dwaru il-Kunsill għadu qed jistenna il-permessi neċċessarji mill-MEPA. Jekk il-permessi jibqgħu ma' jinħarġux il-Kunsill ser ikollu ixollji dan il-proġett u jerġa' japplika għall-fondi oħra, fuq l-istess proġett jew inkella fuq proġetti oħra .

3.5 Is-Segretarju Eżekkutiv ħabbar li l-Ministru għat-Trasport u l-Infrasstruttura, l-Onorevoli Joe Mizzi M.P. kien sere jagħmel laqgħa mal-Kunsill ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-3 ta' Ġunju fl-10:30 ta' fil-għodu. Il-Kunsilliera ġew mitluba jgħaddu lista ta' proġetti li jaħsbu huma ta' prijorita' għax-xogħol li għandu jitwettaq fil-lokalita'.

3.6 Eman Vella semma' li l-Kunsill kien ġie mistieden jattendi għall-post mortem dwar l-attivita' li kienet ġiet organizzata mill-Majjistral Action Group għall-żmien il-Milied 2012.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

3.7 Is-Sindku informa li wara żjara li saret minnu u mill-Kunsillier Mario Sammut fil-lokalita' ta' Lago Santo fl-Italja, hemm il-ħsieb li jiġi esplorat it-twaqqif ta' 'patto di amicizia' ma' dan il-comune Taljan, speċjalment fuq it-tradizzjoni komuni bejn iż-żewġ lokalitaijiet għat-tkabbir tal-frawli.

3.8 Mario Sammut informa li kien wasal ir-rapport finali mingħand l-EUPA dwar il-proġett 'Healthy Living through Sports' u li dan kien rapport pożittiv ferm u li jsostni l-operat u l-ħidma mwettaq għall-dan il-proġett b' risq iż-żgħażagħ tal-lokalita'.

## 4. Għeluq tal-proġett CYPFIRE

4.1 Eman Vella ta' rendikont dwar il-proġett Cypfire, issa li dan il-proġett kien prattikament konkluż.

4.2 Semma' li kien sar is-Seminar ta' l-Għeluq ta' dan il-proġett nhar l-24 ta' Mejju li għalih attendew 25 persuna kif ukoll is-Segretarju Parlamentari għall-Presidenza tal-Unjoni Ewropea u l-Fondi tal-EU, l-Onorevoli Dr Ian Borg, LL.B, Dip. Not. Pub., LL.D., M.P.

4.3 Eman Vella semma' li bħala konklużjoni tal-proġett, il-Kunsill kien qed jakkwista f' kemm jiswew:

- 70.40 Ewro f' xibka għad-dell u *'lopper pruner'* mingħand BSS Ltd.;
- 70.69 Ewro f' imqassijiet taż-żabra, *coils* għas-siġar u tagħmir ieħor mingħand Ortis Ltd.;
- 784.48 Ewro f' apparat ta' sanita' tas-siġar mingħand Ortis Ltd.;
- 765.00 Ewro fi' bsaten ta' l-injam għas-siġar mingħand Ortis Ltd.;
- 310.00 Ewro f' *hedge trimmer* mingħand I.V. Portelli;
- 70.00 Ewro f' tagħmir tas-sigurta' mingħand Chemic Ltd.

Dawn kollha wara li nħarġu sejħiet għall-kwotazzjonijiet u sar skrutinju għall-aħjar offerti.

## 5. Attivitajiet għas-sajf

5.1 Il-Kunsill iddiskuta l-possiblita' li jsiru attivitajiet matul ix-xhur tas-sajf.

5.2 Issemmew il-preparamenti li qegħdin isiru għall-festival Ħidmet Missirijietna li ser jittella' fis-6 ta' Lulju fl-inħawi ta' Binġemma, fejn ser ikun hemm xogħol tradizzjonali tar-raba' Malti u fl-aħħar tiġi organizzzata ikla tradizzjonali.

5.3 Issemma' wkoll il-ħsieb li jiġi organizzat Jazz Night lejn nofs Lulju.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

5.4 Clayton Gauci semma’ l-organizzazjoni tat-tournaments tal-volleyball fil-Ġnejna.

**16. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Mario Sammut semma’ li kien hemm bżonn ta’ *sleeping policeman* quddiem l-Oratorju peress li hemm periklu speċjalment għall-dawk li jkunu deħlin jew ħerġin f’ dan il-post. Il-Kunsill qabel dwar dan u ser issir talba lil Transport Malta.

6.2 Elizabeth Ebejer infurmat, li wara li ġiet fdata bil-ħidma tal-Qasam Soċjali, kienet qed tressaq pjan ta’ attivitajiet relatati ma’ dan il-qasam. Dan jinkludi:

- Proposta ta’ kors għall-miżżewwġin ppjanat li jsir għall-ħabta ta’ Frar 2014. Dan ikun jikkonsisti serje ta’ 8 laqgħat li jitmexxew minn Dun Paul Chetcuti;

- Proposta ta’ kors ta’ Life-Long Learning fejn jiġu mistiedna numru ta’ kittieba, poeti etc li jaqsmu l-esperjenzi u x-xogħlijiet tagħhom. Il-Kunsill ikun irid jaħseb f’ tip ta’ ħlas (possibilment f’ forma ta’ prodotti agrikoli u tradizzjonali);

- Proposta ta’ serje ta’ bejn 10 u 12 il-taħdita *’Public Collective Memory’* fejn anzjani mil-lokalita’ jiġu misteidna jaqsmu dak li għaddew minnu matul ħajjithom filwaqt li dan jiġi irrekkordjat biex ma jintesiex;

- Proposta li t-tfal tal-lokalita’, speċjalment bl-għajnuna ta’ għalliema tal-iskola primarja, jieħdu sehem fil-proġett internazzjonali ta’ tpinpija għat-tfal imsejjaħ ’Kids Guernica’;

- Proposta ta’ skambju u live-in possibilment ma’ lokalitajiet oħra ta’ Malta jew Għawdex (ġie individwalizzat ir-raħal taż-Żebbuġ, f’ Għawdex).

Dawn il-proposti ġew diskussi u l-Kunsill qabel li jsiru u l-Elizabeth Ebejer tara x’ hemm bżonn li jsiru biex dawn il-proposti jiġu, fejn hu possibli, attwati.

**Aġġornament**

Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

Is-Seduta ntemmet fid-9 :40 pm, u sar aġġornament għall-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2013.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku